MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 152/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edwin Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Edwin Pisani talli fl-10 ta' Mejju 2004, u matul il-granet ta' qabel u ta' wara go Snoopy Restaurant, 265, Tower Road Sliema:

(1) Kiser garanzija maghmula fis-7 ta' April 2004 liema garanzija kienet maghmula skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 39 ta' l-Att numru XIV ta' 2002;

(2) Naqas li jinstalla sink mahsub ghall-hasil ta' l-idejn fil-post ta' l-ikel liema sink ghandu jkollu ilma gieri kiesah u shun li jkollu temperatura li tigi kkontrollata kif imiss;

Il-Qorti giet mitluba li barra milli taghti l-piena tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali li jidhrilha xieraq fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Lulju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Edwin Pisani hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta’ mitejn liri maltin (Lm200) li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Edwin Pisani pprezentat fis-16 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tilliberah mill-istess imputazzjoni u minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti: li sad-data miftehma fil-garanzija huwa ma kienx lesta biss il-*connection* tal-*water heater* tal-bar u dan minhabba diffikultajiet kbar biex jinstab *water heater* tad-dimensjonijiet opportuni minhabba l-areja ristretta fil-bar tal-fond minnu gestit; li x-xoghlijiet tlestew wara l-iskadenza msemmija fil-garanzija peress illi l-*plumber* tieghu, certu Joseph Agius, ma lehaqx mar fil-hin minhabba impenji ohrajn; li huwa ezercita d-diligenza kollha opportuna u quddiem l-ewwel Qorti l-imsemmija Christine Gauci kkonfermat li l-istabbiliment ta' l-appellant kellu kollox skond ir-Regolamenti; li t-tieni imputazzjoni ma setghet qatt treggi peress illi din tirreferi ghal *"post ta' l-ikel"* u r-rekwizit imsemmi f'din l-imputazzjoni kien diga` ezistenti fil-parti ta' l-istabbiliment gestit bhala *restaurant*.

L-artikolu 39 ta' l-Att dwar is-Sigurta` fl-Ikel (Kap. 449) jiddisponi hekk:

**"(1) Meta l-awtorita` tas-sahha jidhrilha li xi persuna li tkun tahdem f'xi negozju ta' ikel tkun agixxiet b'xi kondotta li tikkkostitwixxi reat skond l-artikoli 11 sa 14 u l-artikoli 16 sa 19, l-awtorita` tas-sahha tista', fid-diskrezzjoni taghha, minflok ma tibda procedimenti kontra dik il-persuna, twissi dik il-persuna bil-miktub u titlob minghandha garanzija bil-miktub li tieqaf mill-kondotta specifikata fil-garanzija ghal dak il-perijodu li jkun miftiehem bejn il-partijiet koncernati, u, minghajr hsara ghas-subartikolu (3), meta tinghata dik il-garanzija, ma jittiehdu ebda procedimenti ohra rigward dak ir-reat.**

**….**

**(3) Kull persuna li tikser xi garanzija maghmula skond is-subartikolu (1) tkun hatja ta' reat kontra dan l-artikolu."**

Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 43 ta' l-istess Kap. 449 imbaghad jiddisponi hekk:

**"Kull min jinsab hati ta' xi reat iehor kontra dan l-Att jehel -**

**(a) meta jinsab hati ghal-ewwel darba, multa ta' mhux inqas minn mitejn lira u mhux izjed minn elfejn lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien".**

Mit-termini tal-garanzija esebita a fol. 6 tal-process datata s-7 ta' April 2004 (Dok. CG1) iffirmata mill-appellant, minn Malcolm Vella Haber bhala *Principal Health Inspector* u minn Christine Gauci bhala *Health Inspector*, jidher li l-appellant kien intrabat *"to remedy the deficiencies as indicated in Annex 1"* u dan *"at the period indicated and as the health authority may direct"*. Skond l-imsemmi *Annex 1*, il-kontravvenzjonijiet elenkati fl-istess *Annex* kellhom jigu rimedjati sas-7 ta' Mejju 2004. Fost ix-xoghlijiet mehtiega kellu jigi stallat *"wash-hand basin supplied with cold and hot water at a suitably controlled temperature"* fil-*"bar area"*.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li x-xoghlijiet kellhom isiru sal-5 ta' Mejju 2004 u huwa lesta fis-7 ta' Mejju 2004. Dan huwa ovvjament zbaljat peress illi mill-*Annex 1* suriferit (a fol. 7) jirrizulta li x-xoghlijiet kellhom jitlestew sas-7 ta' Mejju 2004. Barra minn hekk fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant xehed li l-*plumber* kien ittrattenieh u l-*water heater* sar xi erbat ijiem wara d-data miftehma. Inoltre l-*Health Inspector* Christine Gauci xehdet quddiem l-ewwel Qorti li meta ghamlet *site inspection* fl-10 ta' Mejju 2004, kienu saru x-xoghlijiet kollha hlief l-*hot water* fil-*wash-hand basin*; ic-citazzjoni hargitha fl-14 ta' Mejju 2004 u l-appellant ikkuntattjaha ftit wara biex jghidilha li kien ghamel il-*hot water*. Jigifieri jirrizulta anke *ex admissis* mill-appellant li sas-7 ta' Mejju 2004 ma kienx lesta x-xoghlijiet kollha li huwa kien intrabat li jaghmel. Pero` l-appellant isostni li kien ezercita d-diligenza kollha opportuna u ghalhekk ma jmissux instab hati mill-ewwel Qorti li kiser il-garanzija maghmula skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 39 tal-Kap. 449.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 41 ta' l-istess Kap. 449 jipprovdi:

"**Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5), fi procedimenti ghal offiza kontra xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima jew ta' xi regolamenti mahruga taht l-artikolu 10, persuna li tkun akkuzata tista' tiddefendi ruhha billi tipprova li tkun hadet il-prekawzjonijiet kollha ragonevoli u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita li jsir ir-reat minnha jew mill-persuna taht il-kontroll taghha."**

Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti, huwa ddefenda ruhu billi qal li "ghamel mill-ahjar", li "l-plumber dejjem gej gej gej u ttrattena xi erbat ijiem". Meta gie mistoqsi jekk spjegawlux li jrid izomm mad-dati msemmija fil-garanzija pero` kkonferma li kienu spjegawlu u qal ukoll li "ma kienx jaf li huma daqshekk stretti". Fuq il-plumber qal li ma kienx talbu xi haga bil-miktub ghax huwa l-

plumber taghhom li meta jkollhom xi haga dejjem igibu lilu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma ezercitax id-diligenza kollha xierqa biex jassigura li jista' jzomm mat-terminu li huwa stess accetta u ntrabat li fih kellu jlesti x-xoghlijiet kollha. Ta' min jghid li l-appellant kien ilu jaf li se jkollu jaghmel xi haga dwar in-nuqqasijiet riskontrati almenu sa mis-17 ta' Marzu 2004 meta sar l-ewwel *site inspection*. Difatti n-nuqqasijiet kollha kienu gew elenkati f'ittra datata 18 ta' Marzu 2004 mibghuta lil-*licensee* ta' l-istabbiliment in kwistjoni mill-*Asst. Principal Health Inspector*. Inoltre galadarba kien gie spjegat lilu li jrid izomm mad-dati miftehma biex isiru x-xoghlijiet, kienet ir-responsabbilta` ta' l-appellant li jinsisti ma' min qabbad biex ilestilu fil-hin u jispjegalu l-konsegwenzi fin-nuqqas li jaghmel hekk.

Konsegwentement l-aggravji ta' l-appellant fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni huma michuda.

Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati ghal ragunijiet differenti minn dawk imsemmija mill-appellant. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Martin Camilleri** moghtija fl-14 ta' Ottubru 2004, *"meta l-awtorita` tas-sahha, wara li tirriskontra xi reat, taghzel, fid-diskrezzjoni taghha, li taghti twissija u titlob il-garanzija wara li ssib xi ksur tal-ligi jew tar-regolamenti, ma jittiehdu ebda procedimenti ohra rigward dak il-ksur jew reat. Hi effettivament, b'din il-procedura pjuttost gdida, tkun qed taghti 'condono' tar-reati riskontrati. Ir-reat li mbaghad jista' jikkonkretizza ruhu ikun dak kontemplat fis-subartikolu (3) tal-artikolu 39, u cioe` dak tal-ksur tal-garanzija nnifisha. Ghalhekk il-prosekuzzjoni ma setghetx terga' tipprocedi kontra l-appellant ghan-nuqqasijiet indikati fit-tieni sal-hames imputazzjoni u l-ewwel Qorti, ladarba sabet li l-awtorita` tas-sahha kienet imxiet bil-mod kontemplat fl-artikolu 39(1), ma setghetx issib lill-appellant hati ta' nuqqasijiet li kienu gew kondonati u komprizi fil-garanzija, imma setghet biss issib htija ghat-tenur tas-*

*subartikolu (3) u cioe` tar-reat tal-ksur tal-garanzija nnifisha biss."* Dak li ntqal f'dan il-bran citat japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Kwantu ghall-piena, nonostante l-konkluzjoni raggunta fil-paragrafu precedenti, jirrizulta li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet fil-*"minimum"* preskritt mil-ligi ghall-htija taht l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement ma hemmx lok ghal ebda riduzzjoni fil-piena, peress illi l-*multa* ta' mitejn liri Maltin (Lm200) hija l-inqas piena li l-appellant seta' jehel ghar-reat taht dik l-ewwel imputazzjoni li l-htija dwarha qed tigi konfermata minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghha u tilliberah minnha, u tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' *multa* ta' mitejn liri Maltin (Lm200) pagabbli fi zmien sitt xhur u b'dan li t-terminu jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------